# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-21 ta' Ottubru 2024

Avviz tat-Talba numru: 128/2024 CL

**Nicolina (sive Lina) Borg Vassallo( KI 188648M)**

**VERSUS**

**Daniela Farrugia ( 584490M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar lt-12 ta' April 2024 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenuta li kienet kriet il-penthouse bin-numru 65, Triq L-Iklin, Iklin minghandha skond kuntratt[1] u wara li ivvakat mill-istess penthouse irritornat il-propjeta f'kondizzjonijiet ta' hmieg qawwi u minghajr ma halset dak likien minnha dovut u ghalhekk ghandha thallas is-somma ta' is-somma ta' elf disa' mija u tnejn u sittin euro u tmienja u hamsin centezmu (€1962.85) rapprezentanti arretrati tal-kera fl-ammont ta' €1600 u €362.85 rapprezentanti il-kont ta' servizzi uzati skond Dok LBV1 u LBV2 u ghalkemm mitluba baqghet inademjenti. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalement li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuta giet debitament notifikat bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenuta la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret hi, jew xi rapprezentant legali taghha ghas-seduta li kienet tmiss wara tali notifika u ghalhekk il-konvenuta, kienet fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif gie iddikjarat fil-verball fl-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2024. Fl-istess udjenza, gie ipprezentant kapitolu fil-konfront tal-konvenuta. Fis-seduta ta' wara, li kienet fis-7 ta' Ottubru 2024, il-konvenuta msejjjha tlett darbiet ghas-subizzjoni ma dehritx u lanqas ma deher xi rapprezentant legali taghha u b'hekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra;

[1] Foll. 7 u 8,

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumentiipprezentati.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra' d-dokumenti, ra li l-konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu, fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenuta thallas is-somma ta' elf disa' mija u tnejn u sittin euro u tmienja u hamsin centezmu (€1,962.85) bl-imghax legali mit-12 ta'April 2024, sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mill-konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATU**